**RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER F'SEDUTA NRU 66 TAS-26 TA' NOVEMBRU 2003**

Nirreferi għall-każ ta' ksur ta' privileġġ imressaq mill-Onor Justyne Caruana f'seduta numru 56 tas-17 ta' Novembru 2003.

Wara li s-Sedja eżaminat ir-rapport li deher fil-gazzetta, is-Sedja tikkonkludi li ma jidhirx li l-ilment ta' l-Onor Membru jikkostitwixxi ksur ta' privileġġ taħt subarikolu (4) (k) ta' artikolu 11 ta' l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Biex waslet għal din il-konklużjoni, is-Sedja ħadet in konsiderazzjoni wkoll ir-rapport li deher f'ħarġa sussegwenti ta' l-istess gazzetta.